## Certificate in Maltese as a Foreign Language

If you would like to learn how to understand, read, write and speak to the Maltese people in their own language, join the Certificate in Maltese as a foreign language course.

The CMFL course is intended for beginners and no previous knowledge of the language is required.

Lectures will be held at the University, Msida, twice a week, Mondays and Fridays, from 5:30pm to 7:30pm.

For further information, send an email to skola-malti.arts@um.edu.mt .

## Course Programme

### Semester: February – June

*Compulsory study-units*

| | | |
|---|---|---|
| MAL 1011 | Maltese as a Foreign Language 1 | (8 ECTS) |

### Semester: October – January

*Compulsory study-units*

| | | |
|---|---|---|
| MAL 1012 | Maltese as a Foreign Language 2 | (8 ECTS) |

### Semester: February – June

*Compulsory study-units*

| | | |
|---|---|---|
| MAL 1013 | Maltese as a Foreign Language 3 | (8 ECTS) |
| MAL 1014 | Project in Maltese as a Foreign Language | (6 ECTS, NC) |

## Course Catalog

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1011** |
| **Titlu** | **MALTESE AS A FOREIGN LANGUAGE 1**<br>*Il-Malti bħala Lsien Barrani 1* |
| **Metodu** | Lectures / *Lezzjonijiet* |
| **Kretti ECTS** | 8 |
| **Assessjar** | Written test (1hr 30mins) [50%] + oral presentation [30%] + continuous assessment [20%]<br>*Test miktub (siegħa u nofs) [50%] + preżentazzjoni orali [30%] + assessjar tul il-kors [20%]* |
| **Lettur** | Mr David Muscat (course coordinator) and various<br>*Is-Sur David Muscat (koordinatur tal-kors) u varji* |
| **Deskrizzjoni** | This study unit is designed for complete beginners in Maltese. It helps participants learn to pronounce, read, understand and write basic words, short sentences and the most common Maltese expressions used in everyday language, such as introducing oneself, greeting people, and talking about oneself, one's family, friends and environment. Teaching is set against the Maltese socio-cultural background, so that the course serves as an introduction to both the language and the community that speaks it. Classroom instruction is mixed with visits to public places such as shops, public institutions and historical sites, where participants meet and converse with people in different contexts and situations.<br>The themes treated in this study unit include: personal identity; friends and relatives; towns and cities; the home; the world; the natural habitat; creatures of the earth.<br>*Din it-taqsima-studju hija maħsuba għal min għadu se jibda jitgħallem l-ilsien Malti. Min jidħol għaliha jitgħallem jgħid, jaqra, jifhem u jikteb il-kliem ewlieni, sentenzi qosra u l-espressjonijiet l-aktar komuni bil-Malti kif ninqdew bihom fil-ħajja ta' kuljum; ngħidu aħna, kif nintroduċu ruħna, insellmu lil xulxin, nagħtu tagħrif dwarna nfusna, nitkellmu dwar niesna u fejn noqogħdu. Dan kollu jsir fl-isfond soċjokulturali tal-ħajja Maltija biex f'waqt wieħed ikun jiswa bħala daħla kemm għall-ilsien kif ukoll għall-ħajja tal-poplu li jitkellmu. Is-sigħat fil-klassi jiżżewqu bi żjarat f'postijiet pubbliċi bħal ħwienet, istituzzjonijiet pubbliċi u siti storiċi, fejn il-parteċipanti jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ ma' nies li jitkellmu magħhom bil-Malti f'kuntesti u f'sitwazzjonijiet differenti.*<br>*It-temi ttrattati f'din it-taqsima-studju jinkludu: l-identità personali; il-ħbieb u l-qraba; il-bliet u l-irħula; id-dar; id-dinja; l-ambjent; il-ħlejjaq tad-dinja.* |
| **Biblijografija** | Camilleri, A. (1997) *Merħba Bik*. Malta: Colour Image.<br>Muscat, D., Mifsud, C. & Mallia, G. (2006) *Sisien*. Malta: Id-Diviżjoni |

| | |
|---|---|
| | tal-Edukazzjoni.<br>Sciriha, L. (1996) *Beginning Maltese*. Malta: University of Malta.<br>Vella, J. (1993) *Learn Maltese*. *Why not?* Malta: Valletta Publishing. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1012** |
| **Titlu** | **MALTESE AS A FOREIGN LANGUAGE 2**<br>*Il-Malti bħala Lsien Barrani 2* |
| **Metodu** | Lectures / *Lezzjonijiet* |
| **Kretti ECTS** | 8 |
| **Assessjar** | Written test (1hr 30mins) [50%] + oral presentation [30%] + continuous assessment [20%]<br>*Test miktub (siegħa u nofs) [50%] + preżentazzjoni orali [30%] + assessjar tul il-kors [20%]* |
| **Lettur** | Mr David Muscat (course coordinator) and various<br>*Is-Sur David Muscat (koordinatur tal-kors) u varji* |
| **Deskrizzjoni** | This study unit is a continuation and reinforcement of MAL1011, while branching out into new areas of language use. It trains participants to communicate in select situations of daily life, such as at work, in shops, in places of entertainment and in public places. Participant practise also reading and writing short texts in Maltese, especially texts one comes across in everyday life. All this is set against the Maltese socio-cultural background. Moreover, classroom instruction is complemented by visits in public places where participants will gain first-hand experience of spoken and written Maltese.<br>The themes treated in this study unit include: health; food; appliances; daily actions; the media; free time.<br>The course is designed on the *Common European Framework for Languages* of the Council of Europe, and successful students may be considered to have achieved the Basic Level A1 of the CEFL.<br>*Din it-taqsima-studju tkompli ma' MAL1011 u ssaħħaħ ix-xogħol li jkun sar fiha waqt li tkompli tifrex fuq oqsma ġodda fl-użu tal-lingwa. L-istudenti fiha jitħarrġu kif jitkellmu bil-Malti b'mod li jkunu jistgħu jikkomunikaw f'xi sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum, ngħidu aħna, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħwienet, fil-postijiet ta' divertiment u fl-imkejjen pubbliċi. It-taqsima tħarreġ il-parteċipanti wkoll fil-qari u l-kitba ta' testi qosra bil-Malti, l-aktar dawk li jintużaw ta' kuljum. Dan kollu jsir fl-isfond soċjo-kulturali tal-ħajja Maltija. Is-sigħat fil-klassi jiżżewqu ma' żjarat f'postijiet pubbliċi fejn il-parteċipanti jiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ mal-Malti mitkellem u stampat.*<br>*It-temi ttrattati f'din it-taqsima-studju jinkludu: is-saħħa; l-ikel; l-apparat; għemejjel ta' kuljum; il-midja; il-ħin liberu.* |

| | |
|---|---|
| | *Il-kors huwa mfassal fuq il-Qafas Komuni Ewropew għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa, u min isegwih b'suċċess jista' jitqies li jkun laħaq il-Livell Bażiku A1 ta' dan il-Qafas.* |
| **Biblijografija** | Camilleri, A. (1997) *Merħba Bik*. Malta: Colour Image.<br>Mifsud, M. & Borg. A.J. (1997) *Fuq l-Għatba tal-Malti*. Strasbourg: Council of Europe.<br>Muscat, D., Mifsud, C. & Mallia, G. (2006) *Sisien*. Malta: Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.<br>Sciriha, L. (1996) *Beginning Maltese*. Malta: University of Malta.<br>Vella, J. (1993) *Learn Maltese. Why not?* Malta: Valletta Publishing. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1013** |
| **Titlu** | **MALTESE AS A FOREIGN LANGUAGE 3**<br>*Il-Malti bħala Lsien Barrani 3* |
| **Metodu** | Lectures / *Lezzjonijiet* |
| **Kretti ECTS** | 8 |
| **Mitlub** | MAL1012 or equivalent / *MAL1012 jew l-ekwivalenti* |
| **Assessjar** | Written test (1hr 30mins) [50%] + oral presentation [30%] + continuous assessment [20%]<br>*Test miktub (siegħa u nofs) [50%] + preżentazzjoni orali [30%] + assessjar tul il-kors [20%]* |
| **Riżultat** | Percentage mark and grade / *Marka % u grad* |
| **Attendenza** | Obligatory / *Obbligatorja* |
| **Lettur** | Mr David Muscat (course coordinator) and various<br>*Is-Sur David Muscat (koordinatur tal-kors) u varji* |
| **Deskrizzjoni** | This study unit is a continuation and reinforcement of MAL1012, while branching out into new areas of language use. It trains participants to communicate in select situations of daily life, such as at work, in shops, in places of entertainment and in public places. Participants practise reading and writing short texts in Maltese, especially texts used in everyday life. All this is set against the Maltese socio-cultural background. Moreover, classroom instruction is complemented by visits in public places where participants will gain first-hand experience of spoken and written Maltese.<br>The themes treated in this study unit include: likes and dislikes; aspirations; the virtual world; Maltese culture; mysteries; the future and lifelong education.<br>The course is designed on the Common European Framework for Languages of the Council of Europe, and successful students may be considered to have achieved the Basic Level A2 of the CEFL. |

| | |
|---|---|
| | *Din it-taqsima-studju tkompli ma' MAL 0012 u ssaħħaħ ix-xogħol li sar fiha waqt li tkompli tifrex fuq oqsma ġodda tal-użu tal-lingwa. L-istudenti fiha jitħarrġu kif jitkellmu bil-Malti b'mod li jkunu jistgħu jikkomunikaw f'xi sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum, ngħidu aħna, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħwienet, fil-postijiet ta' divertiment u fl-imkejjen pubbliċi. It-taqsima tħarreġ il-parteċipanti wkoll fil-qari u l-kitba ta' testi qosra bil-Malti, l-aktar dawk li jintużaw ta' kuljum. Dan kollu jsir fl-isfond soċjokulturali tal-ħajja Maltija. Is-sigħat fil-klassi jiżżewqu ma' żjarat f'postijiet pubbliċi fejn il-parteċipanti jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ mal-Malti mitkellem u stampat.*<br>*It-temi ttrattati f'din it-taqsima-studju jinkludu: il-gosti; l-aspirazzjonijiet; id-dinja virtwali; il-kultura Maltija; il-misterji; il-futur u l-edukazzjoni tul il-ħajja.*<br>*Il-kors huwa mfassal fuq il-Qafas Komuni Ewropew għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa, u min isegwih b'suċċess jista' jitqies li jkun laħaq il-Livell Bażiku A2 ta' dan il-Qafas.* |
| **Biblijografija** | Camilleri, A. (1997) *Merħba Bik*. Malta: Colour Image.<br>Mifsud, M. & Borg, A.J. (1997) *Fuq l-Għatba tal-Malti*. Strasbourg: Council of Europe.<br>Muscat, D., Mifsud, C. & Mallia, G. (2006) *Sisien*. Malta: Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.<br>Sciriha, L. (1996) *Beginning Maltese*. Malta: University of Malta.<br>Vella, J. (1993) *Learn Maltese. Why not?* Malta: Valletta Publishing. |

| **Kodiċi** | **MAL1014** |
|---|---|
| **Titlu** | **PROJECT IN MALTESE AS A FOREIGN LANGUAGE**<br>*Proġett fil-Malti bħala Lsien Barrani* |
| **Metodu** | Project / *Proġett* |
| **Kretti ECTS** | 6 |
| **Assessjar** | Written project [60%] and oral presentation [40%]<br>*Proġett miktub [60%] u preżentazzjoni orali [40%]* |
| **Lettur** | Mr David Muscat (course coordinator) and various<br>*Is-Sur David Muscat (koordinatur tal-kors) u varji* |
| **Deskrizzjoni** | Towards the end of the course students will be asked to produce an original project in which they will have the opportunity to put together in one work their knowledge both of the Maltese language and of the Maltese environment and way of life. In a typical project a student might write at some length about his/her country, people and mentality comparing and contrasting them to Malta, its people and their mentality. The project will be submitted in written form, but students will also be expected to make a short oral presentation of it to his colleagues and teacher, and to answer their questions.<br>*Lejn tmiem il-kors l-istudenti jkunu mitluba jipproduċu proġett oriġinali li fih* |

| | |
|---|---|
| | *ikollhom l-opportunità juru f'xogħol wieħed dak li jkunu tgħallmu kemm mil-lingwa Maltija kif ukoll dwar l-ambjent Malti u l-ħajja Maltija. Fi proġett tipiku student jista' jikteb f'tul moderat dwar artu, niesu u l-mentalità tagħhom, u jqabbilhom u jikkontrastahom ma' Malta, niesha u l-kultura tagħha. Il-proġett jinħadem bil-kitba, imma l-istudenti huma mistennija jippreżentawh ukoll fi kliemhom fil-qosor lil sħabhom u 'l-għalliema tagħhom, u jwieġbu l-mistoqsijiet li jagħmlulhom dwaru.* |
| **Biblijografija** | Camilleri, A. (1997) *Merħba Bik*. Malta: Colour Image.<br>Mifsud, M. & Borg. A.J. (1997) *Fuq l-Għatba tal-Malti*. Strasbourg: Council of Europe.<br>Muscat, D., Mifsud, C. & Mallia, G. (2006) *Sisien*. Malta: Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.<br>Sciriha, L. (1996) *Beginning Maltese*. Malta: University of Malta.<br>Vella, J. (1993) *Learn Maltese*. *Why not?* Malta: Valletta Publishing. |